# Statut

1. Isem – L-isem ta' l-għaqda huwa Żminijietna - Żgħażagħ tax-Xellug' (Ż.Ż.X). L-isem bl-Ingliż huwa 'Żminijietna - Left Youth' (Ż.L.Y).

2. Għanijiet - Żminijietna - Żgħażagħ tax-Xellug huwa moviment li jwassal politika xellugija permezz ta' attiviżmu fis-soċjeta' ċivili.

3. Sħubija

   a) L-eta' tal-membri ta' ŻŻX ma tistax tkun aktar minn dik ta' ħamsa u tletin (35) sena.

   b) Kull persuna li tintrabat ma' l-għanijiet u l-istatut ta l-għaqda hija eleġibbli għas-sħubija bħala membru. Is-sħubija fil-moviment sseħħ permezz ta' nominazzjoni u sekondazzjoni minn membri tal-kumitat preżenti, u bi qbil ta' l-istess kumitat. B'hekk isir membru tal-kumitat, bid-dritt tal-vot. Il-ħlas tas-sħubija huwa ta' tliet liri (Lm3 - 6.99€) fis-sena, li minnhom lira (Lm1 - 2.33€) tmur ghall-Għaqda Żminijietna bħala abbonament ta' sena fil-fuljett Żminijietna.

   ċ) Wieħed jista' jidħol bħala membru għal żmien indefinit (sa l-eta' ta' 35 sena) bi ħlas ta' għoxrin lira (Lm20 - 46.19€), li minnhom ħames liri (Lm5 - 11.55€) tmur għall-Għaqda Żminijietna bħala abbonament għal ħames snin fil-fuljett Żminijietna.

   d) Wieħed jista' jissieħeb bħala 'supportive member' billi jħallas żewġ liri (Lm2 - 4.66€) fis-sena, li minnhom lira (Lm1 - 2.33€) tmur għall-Għaqda Żminijietna bħala abbonament ta' sena fil-fuljett Żminijietna. Membri ta' dan it-tip ma jkunux jistgħu jattendu l-laqgħat tal-kumitat, ħlief jekk mhux mitluba speċifikament mill-istess kumitat, iżda mingħajr id-dritt tal-vot.

4. Kumitat - L-għaqda titmexxa mill-kumitat li għalih ikun hemm elezzjoni tal-karigi fil-Laqgħa Ġenerali. Il-karigi jinvolvu; President, Segretarju, Uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi, Segretarju Internazzjonali, Teżorier, u oħrajn skond kif jidhirlu l-kumitat.

5. Ħidma – Il-moviment ŻŻX jaħdem permezz ta'; stqarrijiet pubbliċi, kitba, attivitajiet kulturali, attivitajiet soċjali, attivitajiet politiċi, attivitajiet edukattivi, kuntatti internazzjonali, medja, alleanzi u koperazzjonijiet ma' għaqdiet oħrajn skond il-ħtieġa u fil-limiti tal-mezzi disponibbli.

6. Laqgħa Ġenerali Annwali - Din hija l-ogħla awtorita' fi ħdan il-moviment, u d-deċiżjonijiet tagħha huma finali. F'din il-laqgħa jinqraw u jiġu approvati r-rapport amministrattiv u finanzjarju.

7. Laqgħa Ġenerali Straordinarja – Tinżamm fi żmien xahar minn meta tintalab mill-kumitat, jew minn mhux anqas minn 20% tal-membri, li jitolbuha bil-miktub lis-Segretarju, għal raġunijiet speċifiċi.

8. Laqgħat tal-moviment ŻŻX – Laqgħat ta' ŻŻX għandhom ikunu kull ġimgħatejn. Kull membru tal-kumitat għandu jkun informat bil-post u l-ħin tal-laqgħa mis-segretarju sa mhux aktar tard min tlett (3) ijiem qabel il-laqgħa. Il-membri tal-kumitat min-naħa tagħhom għandhom jinformaw lis-segretarju jekk ma jkunux jistgħu jattendu.

9. Kworum – Għal-laqgħat tal-kumitat jinħtieg kworum ta' tliet (3) membri . Artiklu ħdax (11) ta' dan l-istatut jistabbilixxi l-kworum f'kas ta' laqgħa ta' xoljiment.

10. Membri 'Co-Opted' f'kariga - Il-kumitat għandu dritt jaħtar membri 'co-opted' fil-kariga bid-dritt tal-vot. Jista' wkoll jaħtar sotto-kumitati b'nies li jkunu membri fil-moviment, iżda li ma jkunux fil-kumitat ċentrali.

11. Xoljiment

a) Xoljiment ta' l-għaqda jista' jiġi deċiz biss b'vot ta' tlieta minn kull erbgħa tal-membri preżenti f'Laqgha Ġenerali li tkun issejħet bl-għan speċifiku tax-xoljiment. F'każ ta' xoljiment, il-fondi u l-propjeta' ta' l-għaqda jiġu trasferiti lill-Għaqda Żminijietna.

b) Kworum f'każ ta' laqgħa ta' xoljiment irid ikun ta' mhux anqas minn żewġ terzi (66%) tal-membri kollha regolari fil-ħlas tal-miżata.

12. Statut - L-interpretazzjoni ta' l-istatut bejn laqgħa ġenerali annwali jew dik straordinarja, jew oħrajn, tissejjaħ biss mill-kumitat. Fejn ma' jispeċifikax l-istatut, id-deċiżjoni tal-kumitat tkun finali. Emendi fl-istatut jistgħu jsiru biss fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jew f'Laqgha Ġenerali Straordinarja.

Lulju 2007